# MINUTI

# KAMRA TAD-DEPUTATI

# L-ERBATAX-IL PARLAMENT

# KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI

## LAQGĦA NRU 2

## L-Erbgħa, 6 ta' Lulju 2022

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-2.40 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

## PREŻENTI

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor.Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

## MINUTI

L-Onor Adrian Delia rrimarka li fil-Minuti kien hemm imniżżel li ser isiru l-background checks meħtieġa mill-Ministru kkonċernat dwar in-nominat li jkun ser jidher quddiem il-kumitat, iżda, apparti d-dokumenti li jiġu sottomessi mill-ministru, li huma l-ittra tan-nomina, flimkien mas-CV, ma kien hemm l-ebda dokument ieħor li jassigura s-serħan tal-moħħ għall-kumitat. Il-President assigura lill-kumitat li qabel waslet in-nomina li kellu quddiemu l-kumitat dakinhar, hu kellem lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u kienu ttieħdu l-miżuri kollha neċessarji, u fil-fatt hu sodisfatt bin-nominat li kien ser jidher quddiem il-kumitat.

L-Onor. Adrian Delia ssuġġerixxa li bħala punt ta' proċedura tibda tintalab dikjarazzjoni bil-miktub mingħand il-Ministru kkonċernat li hu/hi sodisfatt/a bil-background checks li jkunu saru dwar in-nominat.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 1, li saret fl-1 ta' Ġunju 2022, kienu kkonfermati.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR EMANUEL CAMILLERI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-BORD TAL-IPPJANAR FL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa rċieva mingħand il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, datata 14 ta' Ġunju 2022, dwar in-nomina ta' Dr Emanuel Camilleri bħala Chairman tal-Bord tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar.

Il-Kumitat stieden lil Dr Emanuel Camilleri sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Camilleri bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Emanuel Camilleri daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dr Camilleri li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dr Emanuel Camilleri ta rendikont tal-karriera twila tiegħu mas-settur pubbliku, kif ukoll fil-ħajja akkademika tiegħu. Huwa qal li tul il-karriera tiegħu bħala uffiċjal tal-Gvern ħadem f'diversi setturi li jinkludu l-inġinerija industrijali, project management, set-ups ta' sistemi teknoloġiċi, xogħol mat-Tax Compliance Unit, xogħol mal-MITTS li llum hija l-MITA, diversi task forces ta' ppjanar u implimentazzjoni ta' proġetti mal-Gvern, kif ukoll mal-Privatisation Unit fost oħrajn.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Id-diskussjoni bdiet bil-mistoqsija dwar kif il-bini fil-pajjiż jista' jitjieb b'mod teknoloġiku sabiex jiġi salvagwardat l-ambjent. Dr Camilleri wieġeb li dak li qed niżirgħu llum ser naħsduh fis-snin li ġejjin u għalhekk għandna nilħqu bilanċ bejn l-iżvilupp u l-progress ekonomiku billi jiġu studjati l-low lying areas ta' Malta li huma esposti għall-ftuħ. Hu saħaq li għandu jkun hemm pjan strateġiku għall-iżvilupp u l-ippjanar li għandu jkun rivedut minn żmien għal żmien sabiex jibqa' dejjem aġġornat bl-aħħar żviluppi. Id-diskussjoni kompliet fuq l-importanza tal-edukazzjoni f'dan ir-rigward mis-snin bikrin tat-tfal.

Fost il-punti li tqajmu kien hemm il-preokkupazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-istat ta' kriżi li ninsabu fih; jekk hux ser nilħqu l-għanijiet globali u kif dawn jistgħu jiġu milħuqa b'aġġornamenti ambjentali bħal sorsi ta' enerġija mix-xemx, mir-riħ u mill-elettriku fost oħrajn. Sare ukoll enfasi fuq l-importanza tal-ippjanar strateġiku u ż-żamma tal-oġġettività fil-proġetti.

Fl-4.00 p.m. l-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Emanuel Camilleri u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Dr Emanuel Camilleri rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fl-4.00 p.m. il-laqgħa kienet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fl-4.04 p.m.

Meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Emanuel Camilleri bħala Chairman tal-Bord tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar, intalbet votazzjoni. Il-Kumitat qabel li din il-votazzjoni tittieħed immedjatament.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| | |
|---|---|
| **VOTAZZJONI NRU 1** | **ĦIN: 4.04 p.m.** |
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| **L-Onor.**<br>Chris Agius<br>Clayton Bartolo<br>Naomi Cachia<br>Alison Zerafa Civelli | **L-Onor.**<br>Karol Aquilina<br>Adrian Delia<br>Julie Zahra |

Il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-4.06 p.m. il-President tal-Kumitat stieden lil Dr Emanuel Camilleri jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Emanuel Camilleri daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informah n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

Fl-4.07 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**